# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 17 ta' Novembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**
**(Spettur Gabriel Kitcher)**
**vs**
**Mark Scerri**

**Kumpilazzjoni Numru 658/2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Mark Scerri ta' 45 sena, iben Joseph u Maria Rosaria nee' Thomas, imwieled il-Pieta' fl-01 ta' April 1977, residenti fil-fond First Dawn Court, Redentur, Triq il-Qaliet, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 178977M.

Akkuzat talli fit-3 ta' Novembru 2022, ghall-habta ta' bejn is-sitta u s-sitta u nofs ta' filghaxija fi Triq Patri Taddew Schembri, Zabbar:-

1. Ikkommetta serq ta' flus ikkwalifikat bil-valur li mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) li sar ghad-dannu ta' Albert Mercieca;

2. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D., fid-digriet mogħti nhar l-24 ta' Gunju 2020, li bih inghata l-ħelsien mill-arrest;

3. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Malta), Onor Imhallef Dr. Aaron Bugeja LL.D., fid-digriet mogħti nhar is-17 ta' Dicembru 2019, li bih inghata l-ħelsien mill-arrest;

4. Sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-hati għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar l-10 ta' Novembru 2022 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammisjoni waqt l-udjenza mizmuma llum.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-ammont misrqu u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-bzonn ta'l-imputat li jinghata ghajnuna biex ikun jista' jeghleb il-problemi li qed iwassluh ghat-triq tal-kriminalita.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c), 279(a), 289, u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-Ordni mghoti kontestwalment. In oltre qed tikkonfiska favur il-Gvern ta' Malta l-ammont ta' hames mitt Euro (€500) mid-depozitu ta' elf Euro imsemmi fid-degriet permezz ta'liema inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati Malta per Magistrat Dr Gabriella Vella nhar l-24 ta' Gunju 2020, u qed tikkonfiska favur il-Gvern ta' Malta ukoll l-ammont ta' hames mitt Euro (€500) mid-depozitu ta' elf Euro imsemmi fid-degriet permezz ta'liema inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali per Imhallef Dr Aaron Bugeja nhar is-17 ta' Dicembru 2019.

Il-Qort spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss u/jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' dan il-verbal lid-Direttur ta'l-Ufficjlu tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**